MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 34/2005

**Bank of Valletta plc (C 2833)**

**vs**

**Stefan Stivala (ID 584878M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Jannar 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tmien liri Maltija sitta u ghoxrin centezmu (Lm608.26) rapprezentanti bilanc ghal debitu fil-credit card loan account tal-konvenut mal-Bank of Valletta plc (Dok A) fl-imkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' Dicembru 2004 sal-jum tal-pagament effettiv liema credit card loan account gie moghti lill-konvenut permezz ta' skrittura privata datata 7 ta' Mejju 2003 (Dok B) u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Awissu 2004 (Dok C);

U dana wara li jigi dikjarat li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-anness dokument markat ADV 27 annessa mal-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe Dok B partikolarment imma mhux esklussivament billi l-konvenut Stefan Stivala (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' attrici kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazing il-possibbilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;

Illi l-konvenut kien gie nterpellat inutilment biex ihallas dan id-dejn oltre li gie prezentat ukoll affidavit Dok D ai termini tal-ligi;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' sitt mija u tmien liri Maltin sitta u ghoxrin centezmu (Lm 608.26) bl-imghaxijiet legali dekorribbli kif rikjesti cioe mill-21 ta' Dicembru 2004 u bl-ispejjez ta' dina l-istanza nkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Awissu 2004 ilkoll a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------